MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 321/2006

Il-Pulizija
(Spt. Carmelo Abdilla)

Vs
Omissis (1)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Marzu, 2006 f'hinijiet diversi gewwa San Giljan, ta fastidju lil Omissis (2) bi ksur tal-Artikolu 251 A(1), 251B(1) u 251(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 t'Ottubru, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 251A(1), 251B(1), 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal prigunerija ghal perjodu ta' xahrejn (2). Wara li rat ukoll l-

Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ordnat lill-appellant biex ma jibqax jaghti fastidu lil Omissis (2) taht penali ta’ mitt lira Maltin (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 t’Ottubru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull piena w htija skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:- 1. li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni erronja tar-reati kontemplati fl-Artikolu 251A, 251B(1) u 251C tal-Kodici Kriminali w applikat is-sanzjonijiet previsti mill-imsemmija artikoli u mill-artikolu 412C abbazi ta’ dik l-interpretazzjoni zbaljata; 2. Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra illi r-reati kontemplati fl-artikolu 251A u 251B jirrikjedu illi l-fastidju “harassment “ irid ikun jikkonsisti f’ aktar minn azzjoni jew incident wiehed u li dawn iridu jkunu spazjati bejnithom bi trapass ta’ zmien illi jwassal li dak li jkun jikkonkludi illi m’humiex azzjoni jew incident wiehed w uniku izda zewg azzjonijiet jew incidenti separati, fejn jista’ jissussisti r-reat ta’ fastidju; 3. Irid jigi studjat ukoll jekk l-imgieba tkunx oggettivament fastidjuza; 4. li l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament tal-mens rea ta’ l-appellant u tal-percezzjoni tieghu tal-fatti w ic-cirkostanzi tal-kaz illi bl-ebda mod ma setgha jissuggerilu illi kien qieghed jaghti fastidju lill-parte civili. 5. li l-imgieba tal-appellant fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienet wahda ragjonevoli; 6. illi in linea sussidjarja, l-piena illi giet applikata kienet ferm eccessiva fid-dawl tal-cirkostanzi; 7. illi l-Ewwel Qorti naqset milli tistabilixxi t-terminu ghall-ordni minnha mahrug ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, kif espressament rikjest mis-subinciz (5) tal-istess dispozizzjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda mill-gdid fil-kors ta’ diversi udjenzi li nzammu;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi x-xhieda li nstemghu quddiem din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej:-

OMISSIS (2) xehdet li din il-kwistjoni kien ilhom sejrin biha hafna zmien. Minn Lulju sat-13 t' Ottubru, 2006, l-appellant kien ilu jistalkjha w iheddidha. Wara li kienu dehru quddiem il-Magistat Dr. Tonio Mizzi f' Dicembru li kien tah hafna warnings, u hi w l-familja taghha kienu kellmu lill-appellant u lill-familja tieghu biex jieqaf milli jaghmel dawn l-affarijiet kienet anki sabet acdu mitfugh fuq il-karozza,
F' Dicembru t-theddid beda jsir aghar u bdew il-kawzi.

Per ezempju jekk ma tkunx tixtieq tkellmu kien isegwiha, jigi go restaurants, jghidilha: "Ohrog issa." "X' ser naghmillek. Qed nistennik barra" u affarijiet hekk . Tkun go bar u jghaddi minn hdejha w jghidilha w jaghtiha bi spalltu . Kull fejn tmur issibu. Tmur id-dar filghaxija ssibu wara l-bieb. Beda jhedded ukoll lin-nies li kienu jkunu maghha bhala xhieda. Gara ukoll li l-ghada li wahda mix-xhieda xehdet u l-appellant kien instab hati, din sabet il-karozza taghha mahruqa. Baghat messagg fejn jghid li ha jpattihielha lix-xhud , fuq E-mail, u sms bi kliem oxxen u affarijiet fuq l-istess xhud Omissis (2).

Fid-19 ta' Marzu, 2006, kienet marret tiekol ma grupp ta' xi hmistax il-hbieb biex jiccelebraw birthday ta' tnejn minnhom u wara ddecidew li jmorru f' post ta' divertiment GIGI'S f'San Giljan . F' hin minnhom rat lill-appellant u hi ippruvat tmur x' imkien iehor jew iddur ghax hu jibda jipprova jidhol gol-grupp, jipprova jkellem lill-hbieb taghha u jaghmel hbieb maghhom u dawn qieshom ma jridux ikellmuh, u hu jiffissa jhares, jghaddi minn hdejha w jimbuttha. F' hin minnhom hi marret hdejn it-toilet u meta daret ghax gew fuqha l-hbieb taghha Omissis (3) u Omissis (4) u qalulha : "Int all right? – ghax rajnieh

warajk.” Hi kellha darha lejh, daret u l-appellant kien barra mit-toilet tal-irgiel. Hi telqet il-barra w beda’ jdur u jhares lejha u jaghmillha “a threatening look”. U din mhux l-ewwel darba w kien ilu ghaddej hekk. Hi bezghet u qalet lill-hbieb taghha u huma telqu minn hemm ghax bdiet tibza’ bil-mod kif kien qed jaghmel dawn il-mossi. Dik il-gurnata l-affari waqfet hemm.

Bejn l-incident u meta kienet qed tixhed l-appellant kien baghat xi ritratti bl-MSM tieghu stess bil-balaclava w bil-“guns”.

In kontro-ezami  x-xhud qalet li bicciet mill-episodji li semmiet kienu graw qabel id-19 ta’ Marzu, 2006 u ohrajn wara. Il-karozza taghha kellha t-tyres slashed u l-acdu f’ Novembru, qabel il-kaz tad-19 ta’ Marzu, 2006 . Kien hemm kaz meta faqa’ l-bieb t’ isfel u mar jheddidha w jiffolowjha kullimkien u li jaqbad man-nies li jkunu maghha biex jaqla’ glieda. Dan kollu qabel id-19 ta’ Marzu, 2006.. Dwar dawn saru rapporti. Hemm kaz li ghadu ghaddej. L-acdu fuq il-car ta’ Omissis (3) sar l-ghada tal-kawza meta l-appellant instab hati. Kien baghat e-mail b’ xi theddid lil wiehed mix-xhieda  fit-12 u 13 t’ Ottubru.

Hi kienet habiba mall-appellant u hargu flimkien ghal zmien qasir  u kienet “intimate” mieghu, imma dak kien f’ Dicembru, 2004 u bhal speci “one month on and off”. Ma kienux siefru flimkien. Kien imur id-dar taghha. Hafna hbieb imorru ghandha.

Meta kienu dahlu fil-bar fid-19 ta’ Marzu, 2006, hi ma kienetx rat lill-appelant hemm gew meta huma dahlu. Kienu marru mal-bar u gabu coffee u drinks. Kien hemm nies imma mhux iffullat, mhux aktar minn ghoxrin, hamsa w ghoxrin ruh. Dak in-nhar l-appellant ma kellimhiex imma beda jaghmillha mossi  minaccjanti u jghaddi minn hdejha, jaghti bi spalltu u kullhadd induna x’ kien qed jigri. Ma tiftakarx jekk ir-rapport dwar dan l-incident ghamlitux dak in-nhar ghax ghamlet hafna rapporti. Dak in-nhar il-hbieb kienu wassluha d-dar. Kienu marru Omissis (3) u tahseb Omissis (4) biex jaghmlu rapport huma stess u hi rraportat ukoll. L-ohrajn marru ghax meta hi kienet ghamlet ir-

rapport kienet qalet lill-Pulizija li kellha xi xhieda. Hi kienet baqghet fil-bar dak in-nhar sakemm l-appellant beda' jimbotta maghha w jaghmillha hafna ucuh minaccjanti. Hi kienet qalet li mbuttaha anki quddiem il-Magistrat Meli.

Meta regghet xehdet fuq ordni tal-Qorti fit-8 ta' Marzu, 2006, OMISSIS (2) u giet mistoqsija jekk mill-Qorti jekk mill-ahhar darba li xehdet kellhiex xi harassment iehor, qalet li f' Dicembru, 2006, vicin il-Christmas, kienet mat-tifel taghha qed issuq go Tas-Sliema w l-appellant kien warajha w beda jipprova jaqbizha bil-karozza. Kienu fejn is-St. Michael's ix-Xatt u kien hemm traffic jam. Gie quddiemha u fit-telgha ta' Tower Road beda jibbrejkja, jsuq u jerga' jibbrejkja biex jurtaha. Mbaghad waqaf taparsi ser jitkellem man-nies. Hallietu jsuq u meta rat li kien telaq, hi saqet. Hi ma kienetx ghamlet rapport ta' dan l-incident.

Meta regghet xehdet fuq ordni tal-Qorti fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2007, OMISSIS (2) semmiet xi kaz iehor fejn rat lill-appellant fil-vicinanzi tad-dar taghha f' Tower Road, Sliema. Pero' mistoqsija mill-Qorti, hi qalet li ma thossx li ghandha tinsisti fuq piena karcerarja effettiva u tkun sodisfatta jekk ikun hemm sentenza ta' prigunerija sospiza ghall-terminu twil.

OMISSIS (4) xehdet li fid-19 ta' Marzu, 2006 kienu qeghdin go Gigi's San Giljan f' xil-5.30 pm. Kienu xi hmistax il-ruh ghax kienu ghadhom kif marru restaurant biex jiccelebraw birthday ta' xi hbieb. Hi Omissis (2) u Omissis (3) kienu bil-wieqfa u xi hbieb ohra marru jgibu xi drinks mill-bar. Hi rat lill-appellant jghaddi minn wara Omissis (2). Hi ma kienetx certa jekk kienx hu dak il-hin u staqsiet u jew Omissis (2) jew Omissis (3) qalulha li iva kienu hu. Kien ghadda minn warajha vicin ezatt minn warajha bla ma habat maghha w qiesu speci hares. Kif indunat bih Omissis (2) marret hdejn xi hbieb ohra ftit boghod minnhom u hi rat lill-appellant imur mall-bar ftit boghod minnha wkoll u jhares lejha. Hi qalet lil Omissis (3) li l-appellant ma tantx kien qed joghogobha bil-mod kif kien qed ihares : "Ara kif inhu mohhu fiha." Umbaghad f'

mument minnhom rat lil Omissis (2) tmur fid-direzzjoni tal-bathroom u rat lill-appellant imur warajha u hi qalet lil Omissis (3) : “Ejja mmorru hdejhom halli nara x’ inhu jigri ghax mhux qed joghogobni.” kif resqu lejn il-bathroom, ratu barra qiesu qed jistenna biex jidhol ghall-bathrooms tal-irgiel. Pero’ hu baqa’ hemmhekk allavolja kien hemm irgiel ohra li bdew dehlin u hergin fil-kamra tal-banju u hu ma dahalx warajhom. Umbaghad indunaw li Omissis (2) kienet bil-qieghda wara kolonna w l-appellant kien qed ihares f’ dik id-direzzjoni.

Hi marret fuq Omissis (2) w staqsietha “Int all right Omissis (2)?” u Omissis (2) wegbitha “Yes. Yes. I am OK,” Hi u Omissis (3) regghu marru jkomplu ma xi hbieb taghhom. Wara xi hin hi harget barra biex tpejjep sigarrett u mar l-appellant fuqha u qalilha “Int Omissis (4) hux?” Hi qaltu li ma kienitx ghax ma riedetx ikollha x’ taqsam mieghu. L-appellant qalilha : “Mela m’intix Omissis (4)..Niftakrek sew lilek.“ u baqa’ jinsisti sakemm hi ammettiet li kienet Omissis (4). Umbaghad qalilha li ma jistax jifhem ghalfejn in-nisa meta jkun ihobbhom ragel ma jibqghux mieghu w li n-nisa vera ma tifimhomx.Hi qaltu li sfortunatament fid-dinja min ihobbok ma tridux u lil min thobb int ma jridekx u qaltlu “You have to walk away sometimes.” L-appellant qalilha “Imma kif jista’ jkun hux meta tkun thobb, tkun thobb.” Lilha dak il-hin ma bezzaghhiex. Kien “a little agitated” imma mhux fis-sens vjolenti. Beda jkellimha “with feeling.”

Hi kienet qalet lill-appellant dak il-hin : “..lil Omissis (2) ghamiltilha hafna kummidji inti, ..tigirfilha l-karozza u dawn l-affarijiet ..dawn mhux affarijiet li taghmilhom, ta. ..sfortunatament she does not feel the same way you do and you have to move on.”

L-appellant wegibha : “Iva, iva jiena naf li ghamiltilha hafna kummidji .”

Hi qaltlu : “Allura ghamiltilha hafna kummidji u qatt ma mort taghmlilha apologija. Kieku taqbad u taghmlilha apologija and you just forget it, mhux ahjar ghal kullhadd?”

L-appellant wegibha : “Iva vera hux.” u l-konversazzjoni spiccat hemm.

Li nnotat hi dak in-nhar kien li waqt li kienu gol-bar l-appellant kien il-hin kollu mohhu f’ Omissis (2). Jekk huma ghamlu siegha u nofs hemm gew il-hin kollu jhares lejha. Il-hars kien menacing. Jiccassa lejha l-hin kollu w “there was no smiling.a very serious face”, ikkoncentrat fuqha. Hi pero’ ma kienetx qed thares cass lejn l-appellant fis-siegha w nofs li kienu fil-bar.

OMISSIS (3) xehdet li fid-19 ta’ Marzu, 2006, kienu marru fil-bar wara ikla w f’ daqqa wahda, wara li kienu dahlu hemm huma, dahal l-appellant, li kienet tafu di vista biss qabel u kienet taf min kien, Meta l-Appellant kien dahal fil-bar qiesu hakk ma Omissis (2). Dan mar fil-bar u beda jhares fiss lejhom lejn il-grupp taghhom. Dam xi 15 – 20 minuta jhares fiss lejhom, b’ mod minaccjanti. F’ daqqa wahda Omissis (2) telqet minn hdejhom u hi w Omissis (4) marru warajha biex jiccekkjaw fuqha w raw lil Omissis (2) titkellem ma xi hbieb ohra bilqeghda fuq is-sufan, wara kolonna vicin it-toilet u l-appellant jistenna barra l-bieb tat-toilet tal-irgiel, qiesu qed jistenna biex jidhol fit-toilet, vicin fejn kienet Omissis (2), xi metru boghod. Huma staqsewha jekk hux kollox sew u hi qaltilhom “Iva, Ghaliex?” Omissis (2) dak il-hin kellha darha lejn l-appellant.

In kontroezami, x-xhud qalet li apparti l-grupp taghhom kien hemm nies ohra fil-bar dak in-nhar imma ma kienx iffullat.

L-APPELLANT xehed li dak in-nhar tad-19 ta’ Marzu, 2006, hu kien hemm gew fil-bar qabilhom ma tnejn minn shabu igifieri xi saghtejn qabel ma waslu huma. Kien ghamel xi hin barra l-bar u xi zmien li fih dahal gewwa minghajr hsieb ta’ Omissis (2). Hi u hu ghamlu eye contact u hi dahqitlu hafna drabi bhal speci qeghda kuntenta biex tinki, jew xi haga hekk u kien dak il-hin li hu kien hares lejha imma mhux li dam u lanqas li kien minaccjanti . L-istess bhal ma jhares lejn kullhadd.

Mistoqsi jekk kienx dam ihares cass lejhom kif qalu x-xhieda, l-appellant qal li hu kien dam jitkellem hafna ma certa Omissis (5) li hi ukoll habiba ta’ Omissis (2) w l-habib tieghu Omissis (6). Dawn it-tnejn umbaghad hargu ‘l barra flimkien. Meta ma sabx lil Omissis (6) mar fejn it-toilet ghax hemm kien hemm harira aktar kwiet u pprova jcempel lil Omissis (6), biex jara fejn mar, pero’ ma rmexxilux.

Dak in-nhar spicca kollox bla incidenti da parti tieghu. Hu ma kienx aware ta’ x’ qed jigri w ma kien jaf li qed ibezza’ lil hadd. Veru li f’ xi hin kellem lil Omissis (4) imma mhux fuq problemi amoruzi imma ghaliex ma kienetx ghadha mal-boyfriend taghha Omissis (7), pero’ ma kienx jaf li kienet ma Omissis (2) dak in-nhar. Ma kien semma lill hadd iehor dak in-nhar hlief lil Omissis (4) u l-boyfriend taghha. Dak in-nhar ma pprovax ibezzaghha jew jheddidha lil Omissis (2) . Hu qatt ma ghamel dawn l-affarijiet. Kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet Omissis (2) li toqghod thares lejh izda hu mhux ser imur jirraportaha. Issa ghandu tfajla w kieku jista’ jsiefer u jmur hdejha barra fejn qed tistudja imma ma jistax ghax ghandu xi tnax il-kawza ohra perndenti. Dawn jaslu sa Gunju, 2006.

In kontro-ezami, l-appellant xehed li fil-bar kien hemm nies bizzejjed biex ikollok taghmel zig-zag ‘l hemmu ‘l hawn ghax mimli sufanijiet, hemm kemm hemm nies. Kien hemm xi 20-30 ruh dak in-nhar. Lil Omissis (2) ma kienx raha wara l-kolonna ghax hi zghira u meta tpoggi, tigi izghar u l-kolonna pjuttost hoxna. Hu kien mar hemm ghax haseb li jekk ha mur daqxejn boghod min-nies, jisma’ ftit ahjar ghax kien hemm naqra storbju. Ma ghadditlux minn mohhu li johrog barra biex icempel. Veru li xi Magistrat kien qallu biex malli jaraha lil Omissis (2) jitlaq lill-hinn biex ma jkollhomx inkwiet imma hu kellu d-drinks dak il-hin. U trid taraha biex titlaq u hu ma kienx raha hemm. Mistoqsi hux veru dak li qalu zewg xhieda u Omissis (2) li hin minnhom hu ghadda ezatt minn magemba, wiegeb li hi zghira w possibbli li ma rahiex. Hu kien dam ghaxar xhur maghha. Mistoqsi kif jista’ jkun persuna li dam ghaxar xhur maghha ma jarahiex, wiegeb li ghax minn wara mhux qed tara wiccha. Soltu jhares

lejha minn wiccha biex jarafha imma minn wara le. Kieku ghandha xi facial features fuq in-naha ta’ wara ta’ rasha kien jarafha. Ma setax jghid kemm dam hemm gew b’ kollox dak in-nhar.

Mistoqsi kemm kienet importanti ghalih ir-relazzjoni li kellu ma Omissis (2), wiegeb li kienet importanti hafna w jimmagina anki ghaliha ghax hi kienet thobbu f’ xi punt suppost. Mistoqsi kif intemmet ir-relazzjoni, wiegeb li kien iggieled maghha hu w telqu lil hemm u mbaghad wara rega pprova jikkuntattjha pero’ mbaghad injoratu. Kull darba li kien jaraha wara kien jiddejjaq, imma mhux ghal zmien twil, sakemm sab tfajla ohra. Qal: “Ghamel mod tispicca minn ma mara li kont thobb xi darba, hadd ma jista’ jaqbad u jipprogramma biex ma jhoss xejn. Mhix fin-natura umana. Jien kont inhossni tipo let down”. Hi kienet tuzah ghal skopijiet ohra apparti relazzjoni ta’ kif kelli l-intenzjoni hu, kif kienet tghidlu li thobbu u hekk u hekk u mbaghad kien jaf li tmurlu ma haddiehor . “Ma tinkisirx u tweggak? Izgur Hux.”

Din il-wega’ li hass ma kienetx inqalbet f’ rabja. “No way.” Jekk hassu rrabjat, kien kellem lill-missieru w ommu w shabu w kullhadd ghinu. Qatt ma kellu jaghmel xi mossi minaccjanti lil xi hadd jew jipprova jintimida lil xi nies. Hu qatt ma wegga’ lil hadd f’ ghomru. Qatt ma kellu jinzel l-ghassa ghax ta daqqa ta’ponn lil xi hadd. Anzi kien hemm zmien meta qala’ daqqa ta’ponn hu w hafer.

Kien ghadda zmien twil hafna meta sar jaf bic-citazzjoni ta’ din il-kawza. Jiftakar li kienu rcevew karta d-dar fejn qalet li jekk hu jissetilja xi ammont ta’ flus ma Omissis (2), twaqqa’ l-kwereli kollha taghha. Meta huma qalu le, ghadda xi zmien, qalghetlu problema w umbaghad faqqghetlu kollox f’ daqqa.  Kienu ghaddew over two jew three jew four months. All of a sudden irceva all the papers together. L-ammont kien jirrigwarda hsarat fil-car taghha ghax qalet li kien ghamillha hsara fiha. Dan meta hu kien jissprajjalha l-car meta haddiehor kien girifhielha. Hu ghandu xi tnax jew tlettax il-kawza ohra li jaf bihom li huma quddiem il-Magistrat Meli. Fi tlieta gie liberat u, apparti din il-kawza, hemm tminja jew disgha ohra.

Ikkonsidrat;

Illi r-reat dedott kontra l-appellant huwa dak tal-"fastidju" (fit-test Ingliz "harassment") introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u inkorporat fl-artikoli 251A, 251B,215C u 215D tal-Kodici Kriminali. Inoltre l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata wkoll irrikorriet ghar-rimedju ta'ordni ta' protezzjoni introdott fil-ligi penali taghna fl-artikolu 412C bl-istess Att XX tal-2005 fuq imsemmi.

L-artikolu 215A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3) ( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata'("alarming") jew idejjaq ("causing ..distress") lill-persuna.

Umbaghad l-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f' xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f' dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man.

Hemm ukoll f' dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251 (3) (a) u (b) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal-harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta'taghha jew ta' haddiehor.

Ikkonsidrat;

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress"fit-test Ingliz) il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku  fastidju jew "harassment". Issa fil-waqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati.

F'sistemi legali barranin gie stabilit li wahda mill-forom li jista' jiehu l-fastidju jew harassment hu dak tal-ippedinar, insegwiment jew bl-Ingliz "stalking". Dan l-agir jista' jkun provokat minn diversi ragunijiet jew "patterns of behaviour". Jezistu per ezempju kazijiet ta' "rejected stalkers" fejn il-persuni koncernati jsegwu l-vittma bil-ghan li jregghu lura, jikkoregu jew jivvendikaw ruhom ghall-"rejection" mill-vittma taghhom. Hemm kazjiet ta' "resentful stalkers"  li jkunu qed jippruvaw jaghmlu vendetta ghax ikollhom xi lanjanza kontra l-vittma, bil-ghan li jbezzghu jew jinkwetaw u jdejjqu l-vittma. Hemm umbaghad l-"intimacy seekers" li jkunu bil-hsieb li jistabilixxu xi relazzjoni intima jew ta' mhabba mal-vittma taghhom. Hemm l-"erotomanic stalkers" li jemmnu li l-vittma taghhom tkun thobbhom u jinterpretaw dak li l-vittma tghid u taghmel biex isahhu d-deluzzjoni taghhom. Tip iehor ta' stalker hu dak tal-"incompetent suitor" li ma jkunux kapaci li javvicinaw lill-vittma taghhom socjalment, jew ghax jisthu jew ghal xi raguni ohra ta' inadekwatezza, imma li xorta wahda jippretendu li jkollhom relazzjoni intima mall-vittma

taghhom. Umbaghad hemm it-tip tal-"predatory stalker" li josservaw il-vittmi taghhom bil-ghan li jhejju pjan ta' xi tip ta' attakk sesswali.

Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.

Issa fil-kaz in dizamina, li gara fid-19 ta' Marzu, 2006, kien li l-appellant ghall-certu hin kien fl-istess post ta' divertiment GIGI'S f' San Giljan, fejn kien hemm l-ex-amanti tieghu Omissis (2), li minnha kien infired xi xhur qabel u li meta pprova jerga' jirranga maghha, hi ma accettatux u fi kliemu, njoratu. Jidher li skond ix-xhieda tal-prosekuzzjoni hu kien ghamel hin twil mhux hazin jiffissa jhares cass lejn fejn kienet Omissis (2) ma shabha w dan skond l-istess xhieda b' mod minaccjanti ("menacing"). F'hin minnhom kien ukoll ghadda minn magembha b' mod li mbuttaha bi spalltu. Irrizulta wkoll li f' hin minnhom, meta Omissis (2) telqet minn fejn shabha u marret bil-qeghda fuq sufan wara kolonna hdejn il-bieb tat-toilet, l-appellant ukoll mar lejn dik in-naha u qaghad barra l-bieb tat-toilet tal-irgiel, bla pero' ma ttanta jidhol fih, ghalkemm sadattant dahlu u hargu irgiel ohra. Kien vicin ferm tal-istess omissis (2) u warajha xi metru jew inqas boghod. Pero' ma ghamel xejn.

Illi mix-xiehda mismugha jidher li dan l-incident ma kienx wiehed ta' darba jew izolat imma kien precedut minn ohrajn fejn l-appellant kien jipprezenta ruhu fejn tkun omissis (2) b' mod li jdejjaqha jekk mhux ukoll ibezzaghha. Kellu wkoll xi twissijiet verbali minn Magistrat biex fejn jaraha, jwarrab l' hemm biex jigi evitat inkwiet imma jidher li l-appellant ftit li xejn ta widen ghal dawn it-twissijiet.

Li dan l-agir ma kienx wiehed ta' kumbinazzjoni imma r-rizultat ta' grievance reali jew apparenti li kien qed hoss l-appellant jirrizulta mid-depozizzjoni tieghu stess quddiem din il-Qorti fejn jistqarr li hu kien hassu "let down" bil-fatt li wara li kien intimu ma omissis (2), din ma riedetx taf aktar

bih. Qal li hu ma setax jipprogramma lilu nnifsu biex ma jhoss xejn  ghax in-natura umana mhux hekk. “Ma tinkisirx u tweggak? Zgur hux.” esklama l-appellant fil-kontro-ezami. Din il-“cri de coeur” genwina tal-appellant wahedha tispjega l-istato d’ animo tieghu u l-agir tieghu fil-konfront tal-parti civili, ghalkemm ma tiskolpahx. Insomma dan hu kaz klassiku ta’ “rejected stalker”.

Ikkonsidrat;

Illi l-ispjegazzjoni li pprova jaghti l-appellant tal-agir tieghu dak in-nhar tad-19 ta’ Marzu, 2006, u cioe’ li l-prezenza tieghu hemm kienet accidentali u kompletament injara tal-prezenza ta’ Omissis (2) - li ma kienx raha ghax “zghira” di statura, u li l-agir tieghu kien wiehed oggettivament ragjonevoli, ftit hija attendibbli fic-cirkostanzi, meta wiehed iqis ukoll ix-xhieda ta’ Omissis (4) u Omissis (3)  li t-tnejn li huma kienu osservaw il-hars fiss, cass u minaccjanti li l-appellant beda jirrivolgi lil omissis (2), tant li meta rawh sejjer fid-direzzjoni tat-toilets fejn kienet marret omissis (2), huma pprejokkupaw ruhom u hassew li ghandhom imorru warajha biex jiccekkjaw x’ ser jigri.

Ghalkemm ovvjament f’ din il-kawza mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tesprimi gudizzju fuq dak li gara f’ okkazzjonijiet precedenti jew sussegwenti ghad-19 ta’ Marzu, 2006, ghaliex l-appellant mhux akkuzat bihom, f’ kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista’ tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta’ fastidju fuq periodu ta’ zmien. Kien biss ghalhekk li ppermettiet lil omissis (2) li tixhed fuq dak li gara qabel u anki dak li seta’ gara wara u anki fil-mori ta’ dan l-appell.

Ghalhekk mill-assjem tal-provi prodotti jidher li l-appellant, sforz tal-gibda, attrazzjoni jew addirittura “unrequited love”, li bhala zaghzugh idealista kellu ghal din il-mara ferm aktar anzjana minnu milli jindikaw l-apparenzi esterni, ma rrassenjax ruhu ghall-inevitabbli w baqa’ jsus wara persuna li kienet tilfet kull interess fih sakemm bl-agir persistenti tieghu beda’ jdejjaqha w addirittura jbezzaghha. Dan hu proprju l-agir li fil-fehma ta’ din il-

Qorti, trid tipprojbixxi w tippunixx il-ligi bl-artikoli l-godda fuq imsemmija introdotti fil-Kodici Kriminali bl-Att XX tal-2005.

Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mall-appellant li hass ruhu “jilted”, dizappuntat, dizilluz, “let down” u mwegga’ bl-agir tal-ex-amanti tieghu, rejazzjonijiet naturali dawn f’ guvni ta’ eta’ tenera bhal ma hu l-appellant, ma tistax ma tqisx li l-agir tieghu kien jikkostitwixxi fastidju fis-sens tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha u halliet certu zmien biex l-appell jimmatura ghas-sentenza – forsi aktar milli thalli s-soltu – thoss li ma ghandhiex tiddisturba il-gudizzju tal-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta’ htija fis-sentenza appellata.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena, pero’ din il-Qorti, wara riflessjoni profonda, w anki wara li qieset dak li qalet il-parte civili fl-udjenza tal-31 ta’ Mejju, 2007, tara li l-piena karcerarja inflitta mill-Ewwel Qorti, f’ dan il-kaz, ghal-inqas, ikun ahjar li timbidel f’ periodu twil ta’ probation, fejn l-appellant ikun taht is-sorveljanza ta’ probation officer li jkun isegwi mill-qrib lill-appellant fl-izvilupp tal-fejqan mit-trawma amoruza li huwa sofra w li jidher li tant wegghetu w li jiggwidah biex dawn l-incidenti ma jigux ripetuti fil-futur. Ghalhekk ser takkolji l-aggravju dwar il-piena billi taghmel il-provvediment infraskritt .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-appellant limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta’ xaharejn prigunerija w fejn ordnat lill-appellant biex ma jibqax jaghti fastidju lil Omissis (2) taht penali ta’ mitt lira Maltin (LM100) u minnflok, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kap. 446 , tpoggi lill-appellant accettanti taht probation ghal zmien tlitt snin mil-lum, bil-kondizzjonijiet kontenuti fl-anness probation order, li qed

jigu spjegati lill-appellant bi kliem car u li qed jigu minnu accettati.

Il-Qorti tordna li f’dan il-kaz ma jixxandrux l-ismijiet tal-akkuzat appellant, tal-vittma w tax-xhieda biex tigi protetta l-identita’ taghhom stante c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------